*billiard* fis-*Civil Service Sports Club* fejn għal xi żmien kien ukoll membru, u fejn kien iħobb imur iqatta' xi siegħa żmien jitkellem ma' l-imseħbin ta' dak iċ-ċirkolu. Dan l-aħħar, qabel ma kellu jinġabar fiċ-ċella tiegħu, b'marda li kienet ħakmitu dawn l-aħħar erba' snin, kont tarah tiela' jċeklem mit-triq tal-kunvent, jitwieżen fuq bastun, jagħmel xi passiġġata żgħira madwar il-belt wara nofs in-nhar, jieqaf jitkellem ma' xi ħbieb, li iktarx kienu xi darba studenti tiegħu, dejjem b'dik it-tbissima ħelwa fuq fommu.

Ġew waqtiet li Cuschieri kellu bħal ħaddieħor iduq il-morr minħabba l-kwistjoni politiku-reliġjuża ta' l-1928-30 meta għall-ġid tal-pajjiż kellu jidħol fil-kamp politiku u jitgħabba bit-toqol ta' pożizzjoni senatorjali. Kien minn dak iż-żmien li l-Musa tiegħu kienet waqgħet fil-muta, sakemm siktet għal kollox. B'danakollu dawk il-ftit poeżiji li kienu laħqu ħarġu mill-ġenju poetiku tiegħu kienu biżżejjed biex iħallulu isem sabiħ fl-istorja tal-letteratura Maltija.

Aħna nafu li kieku ma kinux iċ-ċirkustanzi politiċi li kienu mewtulu l-ħeġġa, iktar forsi mill-qtigħ il-qalb li seta' ħass mill-għira ta' ħaddieħor, aħna kien ikollna wisq iżjed versi mill-pinna ta' Cuschieri, versi li kienu jkunu bżżejjed biex bihom nimlew l-ixkafef ta' dik il-għamla ta' xogħlijiet poetiċi bil-Malti li minnhom il-bibljoteka Maltija għadha nieqsa.

---

# GEW SABBRUNI

## *Ta'* ANTHONY PISCOPO

MA tafx tagħder, ma tafx taħfer; ma tħares lejn wiċċ ħadd, kienet daħlet f'dari u serqitli 'l marti li tant kont inħobb.

Kienet mara mżejna b'kull ġmiel b'manieri sbieħ li kienu jgagħlu 'l kulħadd iħobbha. F'erbat ijiem ħakmitha marda qasira, imma kiefra, li wasslitha f'xifer il-qabar.

Iddisprat, ħadtha kontra Alla li ħadhieli hekk fl-aħjar jiem ta' ħajjitha. Ħsibt li ħajti, mogħtija fil-vizzjijiet, stajt ngħix aħjar u hekk f'din il-ħajja nsejt kull dmir li kien baqagħli nwettaq lejja u lejn ibni.



Insejt kemm ħliftilha 'l marti fuq is-sodda tal-mewt tagħha meta qaltli biex nieħu ħsieb Joe u rrabbih fil-biża' t'Alla, imma ħajti, mogħtija fil-ħajja moqżieża, ma ħallitlix ħin biex nikkoreġi 'l ibni li kien iddakkar minni u għex l-istess ħajja tiegħi.

L-aħħar jum fil-ħajja tiegħi mgħargħar fil-ħażen, kien wasal f'jum il-Ġimgħa l-Kbira.

Kienu t-tlieta ta' wara nofs in-nhar ta' dan il-jum waqt li d-dinja Kattolika tkun qiegħda tfakkar l-Akbar Traġedja, jien kont qiegħed nikser wieħed mill-kmandamenti li Alla ta lil Mosè biex igħaddihom lilna.

Dik il-lejla, meta ġejt biex norqod, fija ħassejt xi ħaġa mhux komuni, intbaht x'ħajja kont għaddej fiha u kemm f'dak il-jum fhimt sewwa l-missjoni li għaliha l-Iben t'Alla ġie fid-dinja.

Niedem u sogħbien minn dnubieti, bkejt ħajti l-imgħoddija u quddiem il-Kruċifiss u Ommu l-Imqaddsa Marija wegħedt li bi tpattija għal dak li kont għamilt f'dak il-jum, jien kull nhar ta' Ġimgħa mit-tlieta ta' wara nofs in-nhar ninġabar f'kamarti u hemmhekk intemm dak il-jum nimmedita dak li għadda minnu l-Iben t'Alla fil-passjoni ħarxa li bata minħabba fina.

Ġimgħa wara oħra, għaddew is-snin u jien bqajt inżomm u nwettaq il-wegħda li kont għamilt.

Ġimgħa minnhom waqt li bħas-soltu kont f'kamarti nwettaq dak li wegħedt, is-seftura ħabbtitli u tatni l-aħbar li ibni safa korrut u miet ftit wara. Dak il-jum bqajt hemm ġew nimmedita quddiem il-Kruċifiss x'responsabbiltà kbira kelli jekk 'l ibni bgħattu Quddiemu mgħargħar fil-ħażen ħtija tiegħi.

L-għada filgħodu n-nies ma qatgħet xejn ġejja ssabbarni għat-telfa t'ibni. Ma nafx min ġie u ma ġiex, imma niftakar kienet ġiet mara b'ġuvni magħha li impressjonawni għall-mod kif sabbruni, tant li minn dak il-ħin ħassejt faraġ hekk kbir li l-biża' li ibni ntilef fl-eternità kien marli għal kollox.

Il-Ġimgħa kienet waslet u bħal qabel dħalt f'kamarti nkompli l-wegħda. Jien u nimmedita, ilmaħt fil-Kruċifiss u f'Ommu l-Imqaddsa Marija, iż-żewġ Persunaġġi li kienu ġew isabbruni l-għada tal-mewt t'ibni.

U meta tkellimt fuq hekk ma' Patri tassew tar-ruħ, kien qalli: Kristu u Ommu apprezzaw is-sagrifiċċju tiegħek u b'xi mod riedu jpattuhulek!